**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 20 ta' Frar, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**

**vs**

**Albert Vassallo, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 174465M**

Kumpilazzjoni Nru. 127/2000

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Albert Vassallo talli:

F'dawn il-Gżejjer f'dawn l-aħħar xhur b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella illi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom, ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u ċioè għamel falsifikazzjoni tal-firma ta'John Lowell u ta' persuni oħra fuq ċekkijiet tal-HSBC u banek oħra u aktar talli xjentement għamel użu mill-istess, skritturi jew ktiba falza u dan bi ksur tal-artikolu 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

2. Iffalsifika ċedola, polza ordni jew dokumenti oħra u ċjoè ċekkijiet tal-HSBC tal-kumpanija The Ells Ltd u banek oħra, illi meta jiġu ppreżentati wieħed seta' jirċievi bihom ħlas jew jieħu l-kunsinna tal-oġġetti, jew jigbor depositu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn banek jew stabbiliment pubbliku imwaqqaf jew magħtur b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli għamel użu mill-istess karti msemmija u dan bi ksur tal-artikoli 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. B'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex jġiegħel titwemmen eżistenza ta' intrapriżi foloz,jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn Lm8000 bi ħsara ta' diversi persuni fosthom HSBC bl-ammont ta' Lm8037.32, The Ells Ltd Lm 8037.32, Alfons Ent. Ltd bl-ammont ta; Lm82.80, M. Debattista bl-ammont ta' Lm26, GJS Ltd bl-ammont ta' Lm45.40, Exotique bl-ammont ta' Lm254, Audio bl-ammont ta' Lm250, Charles Grech bl-ammont ta' Lm31, Options bl-ammont ta' Lm145, Champion USA bl-ammont ta' Lm14.50, Thomas Cook bl-ammont ta' Lm665.76, Ir-Rokna bl-ammont ta' Lm25, Country Leather bl-ammont ta' Lm18, W&J Coppini bl-ammont ta' Lm3037.37, Palm Travel Agency Ltd bl-ammont ta' Lm288, PDK Financial Services Ltd bl-ammont ta' Lm1522.04, All Financial Services Ltd bl-ammont ta' Lm815.21, Eurochange Ltd bl-ammont ta' Lm815.21 u diversi persuni oħra, kif ukoll ħareġ diversi ċekkijiet tal-Mid-Med Bank plc maħruġa mill-akkont tiegħu personali u għamel qliegħ ta' aktar minn Lm500 bi hsara ta' diversi persuni fosthom Mid-Med plc bl-ammont ta; Lm 293.25, Marlows bl-ammont ta' Lm5, The China House bl-ammont ta' Lm18.00, St Andrew's Dispensary bl-ammont ta' Lm10, Glenvor bl-ammont ta' Lm 1.96, Collection bl-ammont ta' Lm50, The Money Saver bl-ammont ta' Lm7, The Old Ink Shop bl-ammont ta' Lm5, Capt J Caruana Ltd bl-ammont ta' Lm5, The Focal Ltd bl-ammont ta' Lm2.64, Brew Master bl-ammont ta' Lm17, URS Ltd bl-ammont ta' Lm35.55, S8 Malta Ltd bl-ammont ta' Lm80, Forex bl-ammont ta' Lm25, MAC bl-ammont ta' Lm1.95, Potters Pharmacy bl-ammont ta' Lm5, Pizza Operations Ltd bl-ammont ta' Lm10, C. Sammut bl-ammont ta' Lm3.15, Ir-Rokna bl-ammont ta' Lm8 u diversi persuni oħra bi ksur tal-artikoli 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Xjentement laqa għandu jew xtara affarijiet misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħa biex imexxihom jew ibiegħhom;

5. Bħala uffiċjal mhux awtorizzat għamel xi marka jew dħul fuq, jew ħassar, ikkanċella, biddel jew issostitwixxa xi marka jew dħul magħmul fuqha, jew xorta oħra ħassar jew iddistruġġa l-karta tal-identità ta' Timothy Grech numru 120671M u aktar talli kien fil-pussess tal-karta tal-identità tal-istess Timothy Grech numru 120671M u għamel użu minnha u dan bi ksur tal-artikoli 11 u 12 (1) tal-Kap 258 tal-Liġijiet ta' Malta; u

6. Kiseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaih innifsu jew għal ħaddieħor b'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentament għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz u aktar talli għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentament għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat u dan ai ksur tal-artikoli 188 u 189 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li fis-seduta tallum, l-imputat rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti

wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew qabel l-2000, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma illum stess.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-istess akkuzi kif minnu ammessi.

Illi in kwantu ghal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, il-fedina penali tieghu, l-ammissjoni tieghu w tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fosthom li l-akkuzi jirrisalu ghal aktar minn sbatax il-sena ilu fejn ma ntwera ebda interess fil-prosegwiment ta' din il-kawza la mill-partijiet lezi u lanqas mill-prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 167, 169, 183, 184, 188, 189, 308[1]. 309,[2] 310(1)(a)(b)[3], 334 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-artikoli 11 u 12 tal-Att dwar il-Karta ta' l-Identita`, Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[1] Qabel l-emendi introdotti bl-Att III tal-2002 kinet ta' prigunerija bejn erba xhur u sena.
[2] Qabel l-emendi introdotti bl-Att III tal-2002 kienet bejn xahar u tlett xhur prigunerija jew *multa*.
[3] Il-piena qabel l-emendi introdotti bl-Att III tal-2002 taht il-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 310(1) tal-Kodici Kriminali kienet bejn sena u tlett snin, u bejn sitt xhur u tmintax il-xahar prigunerija rispettivament.